MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## PHILIP SCIBERRAS

Seduta tat-28 ta' Mejju, 2003

Citazzjoni Numru. 1446/1992/1

**Donald Manche` bhala stralcjarju u ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta` Pezama Clothing Limited**

**Vs**

**Joseph Said**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-attur *nomine* premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni;

Premess illi l-attur huwa stralcjarju tal-kumpanija in likwidazzjoni "Pezama Clothing Limited";

Premess illi l-attur fil-kwalita` tieghu premessa kien kera lill-konvenut il-fabbrika ta' l-istess socjeta` fi Sir Paul Boffa

Avenue, Paola bi skrittura privata tal-11 ta' Ottubru, 1985 (Dok. A) obbliga ruhu li jhallas Lm700 lill-attur *nomine* in konsiderazzjoni ta' l-istess kirja;

Premess illi l-konvenut hallas Lm300 fis-7 ta' Mejju 1991 u fadallu jaghti bilanc ta' Lm400 izda baqa' inadempjenti f'dal-hlas;

Premess illi l-konvenut meta kellu d-detenzjoni tal-fond indikat ikkaguna diversi hsarat li ghalihom huwa responsabbli;

Premess illi interpellat sabiex ihallas dawn id-danni baqa' inadempjenti;

Talab ghalhekk l-attur *nomine* lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' Lm400 ghar-ragunijiet fuq indikati lill-attur *nomine*;

2. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kagonati minnu meta kellu d-detenzjoni tal-fond fuq indikat;

3. Tillikwida l-istess danni;

4. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* d-danni kif likwidati;

Bl-ispejjez u bl-imghax kummercjali mill-1 ta' Mejju 1986 fuq l-Lm400 sa l-effettiv pagament kontra l-konvenut;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-istess attur *nomine* u l-lista tax-xhieda minnu indikati flimkien ma' l-elenku tad-dokumenti esebiti;

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut illi fiha huwa eccepixxa:-

1. Illi fl-ewwel lok l-ammonti rispettivi huma preskritti kwantu ghall-Lm400 bil-perjodu quinqwennali u dak tad-danni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

2. Illi l-ammont mitlub mill-attur ta' Lm400 fi kwalunkwe kaz gie sodisfatt kif ser jigi ppruvat fil-kors tal-kawza;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-istess konvenut u l-lista tax-xhieda minnu indikati;

Rat id-digriet tat-22 ta' Frar 1993 li permezz tieghu gie nominat Dr. Tonio Mallia bhala perit legali biex ifittex u jirrelata dwar il-fondatezza tad-domandi attrici, wara li jiehu konjizzjoni ta' l-eccezzjonijiet, u jaghmel l-osservazzjonijiet kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-kaz;

Rat ir-relazzjoni ta' l-imsemmi perit legali li tinsab a fol. 30 *et sequitur* tal-process u li giet minnu debitament konfermata fl-udjenza tal-10 ta' Marzu 1997;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenut ipprezentata fit-12 ta' Marzu 1998 flimkien ma' rikors appozitu, illi permezz taghha eccepixxa illi l-azzjoni ghad-danni kienet preskritta bil-preskrizzjoni kwinkwennali ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula mid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta' Mejju 1999;

Rat l-atti kollha tal-process.

Ikkonsidrat:-

Il-fatti li taw lok ghal din l-azzjoni jistghu jigu hekk sintetizzati:-

I. Permezz ta' skrittura datata 11 ta' Ottubru 1985 (Dok. A) l-attur *nomine* kera lill-konvenut il-fabbrika tas-socjeta` Pezama Clothing Limited sitwata f'Sir Paul Boffa Avenue, Rahal Gdid;

II. In konsiderazzjoni ta' din il-kirja gie pattwit rigal ta' seba' mitt lira Maltija (Lm700), kif muri fid-dokument a fol. 4 tal-process. Minn din is-somma il-konvenut hallas tliet mitt lira (Lm300) bhala akkont fis-7 ta' Mejju 1991;

III. Fit-18 ta' Settembru 1985 il-partijiet kontraenti ffirmaw inventarju (Dok. XY) dwar erbghin (40) magna li thallew fil-fond. Iben l-attur jghid li ghalkemm fil-kirja dawn il-magni ma kienux inkluzi, b'danakollu taw permess lill-konvenut biex juzahom. Minn naha tieghu l-konvenut jghid li l-attur kien talbu biex jzommlu l-magni;

IV. L-attur isostni illi sentejn fuq li bdiet il-kirja gie mgharraf illi l-konvenut kien qed ibaghbas fil-magni u li meta mar jivverifika ma sabx magna wahda fl-istat li kien halliha fil-mument tal-kirja. Huwa nsista li jehodhom lura f'konsenji separati f'Jannar 1990. Skond l-attur irrizultalu li dawn il-magni gew kanabalizzati minn komponenti taghhom fid-durata ta' zmien li kienu taht il-kontroll tal-konvenut;

L-azzjoni odjerna hi r-rizultat tad-danni riskontrati fil-magni kif ukoll ghal hlas bilancjali tas-somma tar-rigal pattwita;

Kontra din l-azzjoni l-konvenut jiddefendi ruhu b'eccezzjonijiet bazati fuq il-preskrizzjoni minhabba d-dekorriment taz-zmien ghall-proponiment taghha. Effettivament hu javvanza dawn it-tliet eccezzjonijiet (fol. 10 u fol. 82):-

i. kwantu jolqot il-hlas tal-bilanc reklamat ghar-rigal, il-preskrizzjoni kwinkwennali;

ii. Kwantu ghad-danni pretizi, il-preskrizzjoni ai termini ta' l-Artikolu 2153 tal-Kodici Civili;

u iii. wara l-prezentata tar-rapport mill-perit gudizzjarju, dejjem b'referenza ghall-istess danni, il-preskrizzjoni skond l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

Il-Qorti ser tghaddi biex tikkonsidra *seriatim* dawn l-eccezzjonijiet kif sollevati mill-konvenut;

Dwar l-eccezzjoni kwinkwennali fuq it-talba ghal hlas ta' erba' mitt lira (Lm400) tajjeb li qabel xejn jigi precizat illi l-eccepita preskrizzjoni mhix indikata b'mod sufficjentement car u specifiku.  L-Artikolu tal-ligi li l-konvenut seta' kellu fil-*forma mentis* tieghu fih ben hames incizi distinti, li jipprospetta l-preskrizzjoni ta' azzjonijiet ghal kollox differenti wahda mill-ohra.  Hemm, imbaghad, dak ritenut b'ligi fl-Artikolu 2111 tal-Kodici Civili li jghid li "il-Qorti ma tistax *ex officio* taghti effett ghall-preskrizzjoni, jekk din ma tigix eccepita mill-parti interessata."  Li jfisser li l-Qorti ma tistax tissupplixxi *ex officio* ghan-nuqqas tal-parti (**Vo. XXXVII P II p 630; Vol. XLI P I p 178**) u ma ghandix ghalhekk tfittex biex tara hijiex applikabbli ghall-kaz xi preskrizzjoni partikolari li ma tkunx indikata b'mod car u esplicitu minn min jinvokaha (**Vol. XXXIII P I p 481; "Joseph Grech -vs- Emmanuele Camilleri *et*"**, Appell Kummercjali, 21 ta' Marzu 1977);

Ciononostante, gjaladarba l-perit legali ezamina din il-preskrizzjooni u ta l-gudizzju tieghu dwarha din il-Qorti ma tistax tinjoraha.  Jigi osservat illi r-rizultanzi peritali dwarha hu wiehed guridikament korrett.  Dan fis-sens illi "l-pagament akkont tad-debitu jikkostitwixxi rikonjizzjoni tad-dejn, u ghalhekk jinterrompi l-preskrizzjoni". (**Vol. XXIX P I p 755**);

Gjaladarba l-hlas akkont sar fl-1991 dan gab interuzzjoni tal-preskrizzjoni li kienet miexja favur il-konvenut.  Minn

dakinhar ta' dan il-hlas sad-data tal-prezentata ta' l-azzjoni (1992) ma ghaddewx hames snin;

Tajjeb li jigi notat ukoll dak akkolt mill-gurisprudenza fis-sens li "min jaccetta li jhallas parti minn somma reklamata kontra tieghu, wara li jkun ghadda z-zmien ghall-preskrizzjoni favur tieghu, jigi li rrinunzja ghall-preskrizzjoni ga akkwistata." (**Vol. XLIII P II p 684**);

Fuq il-materja tad-danni pretizi l-ewwel rejazzjoni tal-konvenut kienet dik illi l-azzjoni fir-rigward kienet preskritta bl-gheluq ta' sentejn kif hekk stabbilit fl-Artikolu 2153 tal-Kapitolu 16. Gustament il-perit relatur irrileva illi d-danni mitluba huma l-konsegwenza ta' kuntratt li sehh bejn il-kontendenti u allura l-preskrizzjoni eccepita ma tghoddx;

Tabilhaqq ir-reklam ghad-danni fil-magni hu konness mar-rapport intervenut bejn il-kontendenti meta l-magni, bil-kunsens tal-konvenut, li wkoll iffirma inventarju dwarhom, thallew depozitati fil-fabbrika biex fi kliem iben l-attur (fol. 55) "juzahom basta jiehu hsiebhom ... ";

Jinsab ritenut fid-decizjoni fl-ismijiet "**Giuseppe Attard *nomine* -vs- Alfredo Zerafa *nomine***", Qorti tal-Kummerc, 24 ta' April 1906 (Vol. XIX P III p 106), illi "*trattandosi di un' azione per danni derivanti dall' inadempimento di una obbligazione contrattuale, non e` applicabile la disposizione dell'articolo 1917 dell'Ordinanza VII del 1868, che e` applicabile solo ai danni risultanti da dolo o colpa extra-contrattuale ovvero Aquiliana, ma e` invece applicabile la prescrizione quinquennale che regola gli effetti del contratto*";

Ta' l-istess fehma d-decizjonijiet a **Vol. XXIX P I p 1340** u **Vol. XXVI P I p 54**;

Rinfaccjat b'din l-opinjoni tal-perit legali l-konvenut, *ex post facto* r-relazzjoni, ghadda biex jissolleva l-

preskrizzjoni kwinkwennali fit-termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili;

Meta jigu valutati l-provi pero` dawn ma jistghux ikunu ta' sostenn ghall-preskrizzjoni hekk eccepita;

Fis-sosttomissjonijiet orali tieghu, traskritti minn fol. 98 *et sequitur* tal-process, il-konvenut jghid li l-attur kien konsapevoli tad-danni fil-magni mill-bidu ta' l-1987. F'certu sens biss dan hu korrett ghalkemm mhux ghal kollox;

L-attur fil-verita` jistqarr (fol. 49) illi wara xi zmien persuna informatu li kien qed isir tbaghbis fil-makkinarju. Dan kien sentejn wara li saret il-kirja. Hu ghadda biex jivverifika dan l-istat ta' fatt u meta acceda fil-fabbrika, *ex concessis* jghid li "hemm lanqas sibt magna wahda li kienet tajba.";

Issa kif gja inghad il-lokazzjoni tal-fabbrika lill-konvenut saret fil-11 ta' Ottubru 1985. Dan ragjonevolment ifisser illi l-attur skopra d-dannu, wara l-accertament li ghamel sentejn wara. Li jfisser allura pressapoco Ottubru 1987;

Fl-24 ta' April 1992 l-attur intavola ittra ufficcjali (kopja legali taghha esebita a fol. 87) u din giet debitament notifikata lill-konvenut fis-7 ta' Mejju 1992;

Semplici kalkolu aritmetiku ghandu jistabbilixxi bl-aktar mod car illi ma kienux ghadhom iddekorrew hames snin minn meta l-attur skopra d-dannu li tieghu qed jitlob rizarciment, sakemm interrompa z-zmien li kien ghaddej bl-att gudizzjarju surreferit. Din l-eccezzjoni ghalhekk hi destinata li tfalli;

Iccarat dan il-punt jirrizulta mix-xiehda ta' l-attur u ta' ibnu illi l-istat tal-magni fil-mument li l-attur hadhom lura ma kienx konsimili ghal dak tal-mument kif kien hallihom fil-kustodja tal-konvenut. Il-lista (Dok. DM) esebita mill-attur fis-seduta tat-13 ta' Lulju 1994 taghti ndikazzjoni cara tal-hsarat u tan-nuqqasijiet. Skond iben l-attur din saret wara

li hargu kollox mill-fabbrika u ezaminawhom. Zied jaggungi illi ghalkemm il-konvenut kien jittamah li l-affarijiet nieqsa kienu ser jigu ritornati lura dawn qatt ma waslu. Il-konvenut da parti tieghu jittrincera ruhu wara l-izmentita li ma zarma xejn mill-magni, anke ghaliex dawn kienu antiki;

Din il-Qorti tikkondividi l-osservazzjonijiet tal-perit legali illi kieku veru l-magni kienu antiki jew malandati hu messu fil-mument li ffirma l-inventarju ha hsieb jirregistra dan l-istat taghhom. Dan ma ghamlux u allura logikament wiehed ghandu jassumi u jikkonkludi illi fil-mument tal-kirja jew tad-depozitu taghhom mal-konvenut dawn kienu fi stat u kondizzjoni tajba;

Skond l-Artikolu 1899 tal-Kodici Civili "id-depozitarju ghandu fil-kustodja tal-haga taht depozitu, jiehu hsieb daqs kemm jiehu fil-kustodja ta' hwejgu." Huwa obbligat li jrodd lura dawk l-oggetti lil min ikun fdahom f'idejh u jekk jonqos minn dawn id-dmirijiet huwa jkun responsabbli tat-telf jew hsara li tali nuqqas igib lil min ikun ghamel id-depozitu, salv f'kaz li jipprova l-kaz fortuwitu bhala motiv ta' l-esenzjoni tieghu mill-hsara li ssofri l-haga depozitata. Prova din li tinkombi b'oneru fuqu li jaghmilha. Ara fuq dan is-suggett decizjoni fl-ismijiet "**Carmela Sapiano -vs- Antonia Fenech *et***", Appell, 15 ta' Jannar 1997;

Ghalhekk id-dopozitarju huwa tenut jirrispondi ghan-nuqqas rizultanti minn negligenza tieghu. Negligenza li tista' tkun anqas minn dik permessa f'*bonus paterfamilias* meta d-depozitu jkun gratwitu. ("**Maggur Charles Bartolo *nomine* -vs- Joseph Dalli *et***", Qorti tal-Kummerc, 26 ta' Mejju 1966);

Dwar il-kwantum tad-danni dawn jinsabu definiti fil-lista Dok. DM preparata u spjegata minn iben l-attur. Ara deposizzjoni tieghu a fol. 55. L-ammont komputat ma jinsabx kontestat mill-konvenut, u nonostante li fir-rikors

tieghu a fol. 70 hu ssolleva l-punt li ma sarx ezami tekniku ta' l-oggetti, ma jidherx li aktar tard issokta jishaq fuqu tant li ghadda 'l quddiem ghad-dibattitu orali minghajr ma rega' qanqal din il-materja. Ghaldaqstant din il-Qorti qed taccetta, bhal perit legali qabilha, l-ammont reklamat u pretiz bhala rapprezentanti d-danni sofferti mill-attur *nomine*.

Ghal dawn il-motivi;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi wara li tirrespingi l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenut, tilqa' l-ewwel talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* s-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) bilanc ta' konsiderazzjoni ta' rigal fit-termini ta' l-iskrittura datata 11 ta' Ottubru 1985 (fol. 4);

Tilqa' t-tieni talba billi tiddikjara li l-konvenut hu fi htija ghad-danni subiti mill-attur *nomine* fl-oggetti li kien hemm fil-fabbrika lokata lilu;

Tilqa' t-tielet talba billi tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' elf tliet mija u sitta u tletin lira Maltija (Lm1336) kif dettaljat fil-lista Dokument DM;

Konsegwentement tilqa' wkoll ir-raba' talba u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur *nomine* l-ammont hekk likwidat in linea ta' danni;

Fil-kaz ta' l-ewwel talba l-interessi jghaddu mis-7 ta' Mejju 1992, data tan-notifika ta' l-ittra ufficjali (fol. 87) mentri l-interessi riferibbilment ghat-talbiet l-ohra dwar id-danni jiddekorru mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez kollha ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

--------------------------------TMIEM--------------------------------